



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Brussell, is-7 ta' Novembru 2017

Diskors minn Klaus-Heiner Lehne, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2016 tal-QEA

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

Brussell, is-7 ta' Novembru 2017

Id-diskors proprju jitqies b'hal awtentiku.

Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

eca.europa.eu

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

[Sur/Sinjura] President,

Ministri,

Sinjuri,

Din is-sena, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qiegħda tiċċelebra l-40 anniversarju tagħha. Ix-xahar li għadda kellna l-unur kbir li nilqgħu lill-President Kaljulaid tal-Estonja, il-pajjiż li fil-preżent għandu l-Prezidenza tal-UE, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-President tal-Parlament Ewropew u lil ħafna rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE, f'ċerimonja formali li fakkret din l-okkażjoni.

Il-bidliet fiċ-ċirkustanzi politiċi, finanzjarji u ekonomiċi tal-Unjoni Ewropea li seħħew matul dawn l-aħħar erba' deċennji kienu konsiderevoli. F'dan il-kuntest, bi pjaċir ngħid li għandi aħbar tajba, u importanti, x'nagħtikom.

Il-Qorti ssib li l-kontijiet tal-UE għall-2016 jippreżentaw stampa vera u ġusta. Aħna approvajniehom, bħalma kien il-każ kull sena mill-2007 'l hawn. Id-dħul fl-2016 kien ħieles minn żball materjali. Iżda aktar minn hekk, **kien hemm titjib sostnut fil-livell ta' żball stmat għall-pagamenti** li saru mill-baġit tal-UE. **Madwar nofs l-infiq tal-UE li awditjajna fl-2016 kien taħt is-soll ta' 2 % għal dak li l-awdituri jsejħu l-livell materjali ta' żball.**

B'riżultat ta' dan, **aħna ħriġna opinjoni pożittiva kwalifikata fir-rigward tal-pagamenti għall-2016**, u mhux waħda avversa. **Din hija l-ewwel darba li ħriġna opinjoni pożittiva kwalifikata** dwar l-infiq tal-UE minn meta bdejna nipprovdu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali fl-1994. Hija tirrifletti titjib importanti fl-infiq. U jekk dawn juru li jkunu sostenibbli fil-futur, din l-opinjoni tista' tkun punt importanti fl-iżvilupp tal-infiq tal-UE f'mument kruċjali.

Oqsma bħall-għajjnuna diretta għall-bdiewa, għotjiet lill-studenti u r-riċerkaturi, u spejjeż għall-persunal – li flimkien jirrappreżentaw kważi nofs l-infiq tal-UE – **kellhom livelli ta' żball li kienu taħt it-2 %**; għalkemm sibna livelli oġħla ta' żball fil-pagamenti li saru permezz ta' rifiżjonijiet.

L-azzjoni li ttieħdet mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni kienet **strumentali għat-tnaqqis tal-livell kumplessiv ta' żball stmat**. Madankollu, aħna sibna li kien hemm informazzjoni suffiċjenti disponibbli biex ħafna mill-iżbalji jiġu evitati, jew biex jinqabdu u jiġu kkoreġuti ulterjorment. Fil-fehma tagħna, dan ifisser li, filwaqt li ma hemmx ħtieġa li jsiru kontrolli addizzjonali, il-kontrolli eżistenti jridu jiġu infurzati sew. **Dawn l-iżbalji persistenti kienu r-raġuni għalfejn ir-rata ta' żball għall-baġit kollu kemm hu, li għiet stmata f'livell ta' 3.1 %, baqgħet oġħla mis-soll ta' materjalità ta' 2 %.**

Hawnhekk nixtieq inqid kelma oħra ta' twissija: il-pagamenti totali li l-UE hija impenjata li tagħmel minn baġits futuri kienu oġġla minn qatt qabel fl-2016, u laħqu l-EUR 238.8 biljun. **Għandha tkun il-prijorità tagħna li neliminaw dawn l-arretrati u li ma nħallux li jinħolqu oħrajn ġodda**, filwaqt li nżommu f'moħħna li fl-2020 jibda l-ippjanar għal perjodu ġdid ta' nfiq tal-UE.

Sinjuri,

Huwa importanti li ċ-ċittadini tagħna jkunu jafu li l-fondi pubbliċi qed jintnefqu skont il-liġi. Iżda daqstant ieħor, jew forsi aktar minn hekk, in-nies jixtiequ jkunu jafu x'ħadu għal flushom. Kien jagħmel sens li tinbena triq jew ajruport partikolari f'post partikolari? Tassew inħolqu impjegi u rriżulta tkabbir? Biex inwieġbu dawn il-mistoqsijiet, **aħna fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed niffukaw dejjem aktar fuq il-prestazzjoni.**

F'ħafna oqsma tal-baġit tal-UE, is-sistemi ta' kontroll stabbiliti għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji ttejbu f'dawn l-aħħar snin. Dan jagħtina opportunità li nirfinaw id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, u nistennew li nkunu nistgħu noqogħdu aktar fuq dawn is-sistemi għal dak li jirrigwarda r-regolarità tal-infiq fil-futur.

B'hekk, permezz tal-awditjar li nwettqu tal-baġit tal-UE, aħna nkunu nistgħu nipprovdulkom informazzjoni aħjar fuq bażi aktar soda.

Biex tgħinuna nagħmlu dan, **nixtieq nistedinkom tressqu ideat u suġġerimenti dwar ix-xogħol tagħna fil-futur.** F'dawn l-aħħar xhur, ipproduċejna rapporti tal-awditjar dwar kwistjonijiet topiċi li jkopru varjetà ta' suġġetti bħall-impjieg taż-żgħażaġħ, il-kriżi tar-refuġjati u l-approċċ hotspot, kif ukoll l-enerġija u t-tibdil fil-klima. Fix-xhur li ġejjin, aħna se noħorġu rapporti dwar kwistjonijiet bħall-kriżi finanzjarja tal-Greċja, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku u l-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni, kif ukoll dwar il-futur tal-PAK. Iżda aħna nibqgħu nilqgħu suġġetti tal-awditjar ġodda, u **napprezzaw ħafna l-kontribut tagħkom, kemm kollettiv kif ukoll individwali.**

Aħna se nkomplu naġixxu bħala l-gwardjani tal-finanzi u tal-UE u tal-interessi finanzjarji ta' ċ-ċittadini tagħna. Se nkomplu nkunu vuċi indipendenti, filwaqt li niġbdu l-attenzjoni għal affarijiet li jaħdmu sew u nikxfu fatti ta' tħassib meta l-affarijiet ma jkunux qed jaħdmu sew. U f'dinja fejn l-informazzjoni żbaljata u l-manipulazzjoni tad-*data* huma mifruxa, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri se tkompli tipprovdi informazzjoni affidabbli u imparzjali kemm lilkom kif ukoll li ċ-ċittadini tal-pajjiżi tagħkom.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom.